MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 634/2003

***Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited***

***vs***

***Pollo D'Oro Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Marzu, 2003, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mitt lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm600.64) rappresentanti kera dovuta lis-socjeta' attrici minn dik konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja u bl-imghax legali sa' l-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.
Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Ra n-nota pprezentata mis-socjeta' attrici fit-30 ta' Mejju 2003, li permezz taghha hija cediet is-sorte tal-kawza, izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, it-Tribunal wara li ra n-nota ta' cessjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fit-30 ta' Mejju 2003, filwaqt li jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni tal-mertu tal-kawza, jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjez kollha ta' din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------